NO: 99 DIĊEMBRU 2010 - FRAR 2011

NEWSPAPER POST

# IL-MISSJUNARJU



EDITORJAL

## Naħdmu id f'id ma' Ġesu'

Ġesu hu l-ewwel missjunarju. Il-Missier bagħatu fostna biex, lilna midinbin, iħabbibna mill-ġdid miegħu u bejnietna. Id-dnub ferina u firidna mill-Missier. Ġesu ġie "biex ikollna l-ħajja u l-ħajja bil-kotra" (Ġw.10,10). Din il-ħajja jagħtihielna bis-saħħa tal-Kelma li ssalva, is-sagramenti u speċjalment l-Ewkaristija. Din ir-rikkezza spiritwali għadha fostna llum, fil-Knisja Kattolika li aħna wliedha.

Kmieni fil-ħajja pubblika, Ġesu beda jaħseb x'kellu jagħmel biex il-missjoni tiegħu titkompla. Ġabar madwaru dixxipli li lesti jemmnu fih, iqegħdu fih it-tama tagħhom, u juru disponibilita' li jaħdmu miegħu għas-salvazzjoni ta' ħuthom il-bnedmin l-oħra kollha. Ried li s-Saltna ta' Alla tikber u tinfirex 'l hemm mil-limiti tal-Palestina u tal-Poplu ta' Iżrael. Ġesu wassal l-Aħbar it-Tajba li "Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu jagħrfu l-verita", jagħrfu Lilu, uniku Salvatur u Medjatur.

Fil-Knisja l-pedamenti b'saħħithom huma l-appostli u l-profeti. Fuq il-pedamenti, imbagħad, jeħtieġ li l-bini jitla' *b'ġebel ħaj*, ġebel sod, minġur tajjeb u mqiegħed f'postu. Kull min japprezza l-Magħmudija, li daħħlitu fil-Misteru tal-Għid, jaf li għandu missjoni x'jaqdi: li jkun missjunarju kull fejn isib ruħu, u jixhed għal Ġesu' bil-ħajja, il-kelma u l-ħidma tiegħu.

Mhux kull nisrani jista' jaqdi l-istess rwol, imma ħadd ma jista' jaħsel idejh jew ikun indifferenti, jekk irid ikun dixxiplu awtentiku ta' Ġesu ta' Nazaret. Min tabilħaqq jemmen fiH iħossu onorat u fl-istess ħin responsabbli li jagħti sehmu b'qalb kbira. Bil-ħajja u l-kelma tiegħu jixhed li Alla għadu ħaj fostna, iħobbna lkoll u jibgħatilna aħwa oħra jgħinuna nersqu lejH b'fiduċja u mħabba kbira. Hekk inkunu *sinjali* għan-nies ta' żmienna, spiss ma jafux fejn sejrin, x'direzzjoni se jieħdu f'ħajjithom.

Fil-Vanġelu naqraw li Ġesu' mhux lill-appostli biss bagħat ixandru 't-tagħlim tieghU u l-Aħbar it-Tajba, imma anke "sebgħin dixxiplu". Fosthom kien hemm irġiel u nisa, żgħażagħ u forsi tfal imfarfrin ukoll. Il-Vanġelu ma jiddistingwix, imma żgur li kienu jħobbu 'l Ġesu u jemmnu fiH bħala l-Mibgħut tal-Missier. Dan juri li lkoll, aħna min aħna, nistgħu, anzi, għandna nkunu missjunarji, jekk ikollna fidi qawwija f'Ġesu u nħobbuH tassew. Il-modi u l-mezzi kif naqdu dmirna jvarjaw, imma l-iskop huwa wieħed: li nagħmlu 'l Ġesu aktar magħruf, maħbub u moqdi biex ilkoll nimxu t-triq li twassal għall-ħajja ta' dejjem.

Il-MISSION FUND għandu bħala għan li jagħmel mill-membri *"ġebel ħaj",* irġiel u nisa li jgħixu l-vokazzjoni nisranija u jaħsbu fl-oħrajn. Ikunu lesti li joffru kull għajnuna, spiritwali u anke materjali. Qabel xejn joffru t-talb, is-sagrifiċċji, il-ħin u l-enerġija biex jgħinu 'l min hu fil-bżonn. B'dan il-mod iħajru oħrajn jissieħbu magħhom u jġibu 'l quddiem din l-opra qaddisa li żgur tħalli ħafna frott. Jimxu fuq l-eżempju ta' Ġesu' li bil-mirakli kien jibda billi jfejjaq il-morda fil-ġisem hekk li jmissilhom qalbhom. Imbagħad iwassalhom għall-fidi fiH, fidi li tagħti liberta' u salvazzjoni. Bħal Ġesu', il-membri fl-oħrajn ma jarawx il-qoxra, imma l-qalb, id-dinjita' li għandu kull bniedem, maħluq għax-xbieha t'Alla u mifdi bid-demm għażiż ta' Ħuna Ġesu Kristu.

Address: Eureka Court, Block A Flat 6; Main Street, Mosta MST 1018 • Opening Hours: Mon–Fri 9am –1pm
Tel/Fax: (+356) 2141 3664 – 24-hr Answering Machine Service • Website: www.missionfund.org.mt • E-mail: missionfund@global.net.mt
Il-Mission Fund hija reġistrata bħala organizzazzjoni filantropika skont l-Att ta' l-2007 dwar l-Organizzazzjonijiet Voluntarji - Reg.N°- VO/0015

# CHRISTMAS BUFFET LUNCH

Post: Topaz Hotel, Buġibba

Meta: Il-Ħadd **12 ta' Diċembru, 2010**

Ħin: Mill-12.00 'il quddiem

Prezz: Kbar €18.00 - Tfal taħt it-12 'il sena €9.00

## LUNCH MENU

*An assortment of cold cuts Antipasti accompanied by an array of Fresh Salads & Sauces*
*Cream of Vegetable Soup served with Cheddar Croutons*
*Spaghetti with a mixed shellfish sauce*
*Cannelloni with ricotta, zucchini and topped with tomato sauce and Parmesan cheese*
*Baked Macaroni with layers of Pork and Egg Plant*
*Grilled Mediterranean Fish with Olive oil, Lemon and Basil*
*Grilled Chicken Legs with a BBQ Sauce*
*Grilled Beef Steak with Blue Cheese and Port Wine Sauce*

****

***MALTESE TABLE***

****

***From the Carvery:***
*Roast Leg of Pork stuffed with apples, prunes and fennel*
*Fresh Vegetables and Potatoes of the Day*

****

*An assortment of Desserts from the Buffet Table*

*Glass of wine or soft drink and coffee per person*

*Ejjew u ġibu lill-ħbieb u lill-qraba tagħkom. Aħsbu kmieni għax il-postijiet huma limitati. Arranġamenti għat- transport jistgħu jsiru għal min ikollu bżonn. Ibbukkjaw l-uffiċċju fuq tel: 21413664 ( mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-09.00 sas-13.00 ) jew Charles Decelis 21575351 / 99885078 sad-9 ta' Diċembru, 2010.*

*************************************************************************************

*Fil-Milied naħsbu ħafna biex nagħtu rigali lil maħbubin tagħna. Nafu li intom tħobbu ħafna lill-foqra fl-artijiet tal-missjoni, għalhekk inħeġġukhom biex tagħmlu rigal b'donazzjoni u b'hekk tixgħelu l-qlub ta' tant imsejknin.*

--------------------------------------------------- ***aqta` hawn*** ---------------------------------------------------

*Jien* ___________________________________ *li noqgħod*________________________________________

_________________________________________________________ *Post Code:* _________________

*qed nibgħat €* _______ *permezz ta' cheque / money order pagabbli lill-Mission Fund.*

--------------------------------------------------- ***aqta` hawn*** ---------------------------------------------------

Il-Kumitat u l-membri tal-**MISSION FUND** jawguraw lill-benefatturi,

MILIED ĦIENI U SENA MIMLIJA BARKA U PAĊI FIL-MULEJ.

GRAZZI ħafna ta' l-għajnuna li tagħtuna matul is-sena 2010.

*Il-Kumitat*